I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2021/2048

**tat-23 ta' Novembru 2021**

**li jissospendi temporanjament id-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1386/2011 ([3]), is-sospensjoni tad-dazju għal ċerti oġġetti kapitali għall-użu kummerċjali jew industrijali, importati fil-Gżejjer Kanarji, tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2021.

(2) F'April 2021, il-Gvern ta' Spanja talab l-estensjoni tas-sospensjoni tad-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni għal għadd ta' prodotti f'konformità mal-Artikolu 349 tat-Trattat. Il-miżuri stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1386/2011 ikkontribwew b'mod pożittiv għall-iżvilupp tal-ekonomija tal-Gżejjer Kanarji, b'mod partikolari fl-industrija u l-kostruzzjoni, u b'hekk naqqsu l-impatt qawwi tal-iżvantaġġi ekonomiċi u kummerċjali kkawżati mid-distanza, l-insularità u ċ-ċokon ta' dawk il-gżejjer.

(3) L-ekonomija tal-Gżejjer Kanarji għadha affettwata b'mod negattiv miċ-ċokon tas-suq tal-gżejjer, mill-frammentazzjoni u l-bogħod tiegħu mill-Ewropa kontinentali, minn livell partikolarment għoli ta' qgħad u ta' spejjeż għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni ogħla minn dawk tal-operaturi ekonomiċi fl-Ewropa kontinentali. Filwaqt li r-rata tal-qgħad tal-Gżejjer Kanarji wriet xi titjib sal-2019, il-qgħad żdied minn 20,5 % fl-2019 għal 22,6 % fl-2020, ferm ogħla mir-rata ta' qgħad medja fl-2020 ta' 15,5 % fi Spanja u ta' 7,1 % fl-Istati Membri b'mod kollettiv (Eurostat, 2021).

(4) Barra minn hekk, il-pandemija tal-COVID-19 waqqfet l-attività turistika fil-Gżejjer Kanarji li, fl-2020, wasslet għal tnaqqis stmat ta' madwar 20 % tal-PDG. Barra minn hekk, kien hemm reċessjoni fl-attività tal-kostruzzjoni u industrijali bi tnaqqis stmat ta' 13 %, meta mqabbel mal-2019.

([1]) Opinjoni tal-5 ta' Ottubru 2021 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Opinjoni tal-20 ta' Ottubru 2021 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1386/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 li temporanjament jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji (ĠU L 345, 29.12.2011, p. 1).

(5) Huwa għalhekk xieraq li tiġi estiża s-sospensjoni tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għal ċerti oġġetti kif elenkati fl-Annessi I u II għar-Regolament (UE) Nru 1386/2011 sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-effetti pożittivi tar-Regolament (UE) Nru 1386/2011, jingħata kontribu għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija, jiġu żgurati tkabbir kostanti u l-ħolqien ta' impjiegi fl-industrija u l-kostruzzjoni, tiġi msaħħa l-innovazzjoni, titnaqqas id-dipendenza tal-ekonomija lokali fuq is-settur tas-servizzi u jiġu kkomplementati miżuri oħrajn iddedikati għall-istabbilizzazzjoni tal-ambjent ekonomiku u soċjali fil-Gżejjer Kanarji.

(6) Minbarra l-kategoriji tal-prodotti koperti mir-Regolament (UE) Nru 1386/2011, il-Gvern ta' Spanja talab is-sospensjoni tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għal seba' kategoriji ġodda ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 3903 19, 5603 94, 5604 10, 7326 90, 7607 20, 8441 40 u 8479 90. Jenħtieġ li dik it-talba tiġi aċċettata peress li dawk is-sospensjonijiet, li jinkludu sospensjonijiet għal magni għal skopijiet industrijali u materja prima, isaħħu l-ekonomija tal-Gżejjer Kanarji.

(7) Sabiex jiġi żgurat li l-operaturi ekonomiċi li jinsabu fit-territorju tal-Gżejjer Kanarji biss jibbenefikaw minn dawk il-miżuri tariffarji, jenħtieġ li s-sospensjonijiet isiru kundizzjonali fuq l-użu aħħari tal-prodotti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([5]).

(8) F'każ ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali u sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni li jippermettulha tirtira temporanjament is-sospensjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

(9) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità wara l-iskadenza tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1386/2011, huwa xieraq li jiġu applikati l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2031,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2031, id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni, imsemmijin fl-Artikolu 56(2), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, applikabbli għall-importazzjonijiet fil-Gżejjer Kanarji ta' oġġetti kapitali għal użu kummerċjali jew industrijali, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament, għandhom jiġu sospiżi kompletament.

Dawn l-oġġetti kapitali għandhom jintużaw f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u tar-Regolament (UE) 2015/2447 għal perijodu ta' mill-inqas 24 xahar wara r-rilaxx tagħhom f'ċirkolazzjoni libera mill-operaturi ekonomiċi li jinsabu fil-Gżejjer Kanarji.

*Artikolu 2*

Mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2031, id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni, imsemmijin fl-Artikolu 56(2), punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, applikabbli għall-importazzjonijiet fil-Gżejjer Kanarji ta' materja prima, partijiet u komponenti, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness II għal dan ir-Regolament, u użati għat-trasformazzjoni industrijali jew għall-manutenzjoni fil-Gżejjer Kanarji, għandhom jiġu sospiżi bis-sħiħ.

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

*Artikolu 3*

Is-sospensjoni tad-dazji msemmijin fl-Artikoli 1 u 2 għandha tkun soġġetta għal superviżjoni doganali tal-użu aħħari skont l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

*Artikolu 4*

1. Meta l-Kummissjoni jkollha raġuni biex temmen li xi sospensjoni stabbilita f'dan ir-Regolament tkun wasslet għal devjazzjoni tal-kummerċ ta' prodott speċifiku, hija għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jirtiraw is-sospensjoni temporanjament fir-rigward ta' dak il-prodott għal perijodu mhux itwal minn 12-il xahar. Tali atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 5(2).

Id-dazji tal-importazzjoni fuq prodotti li għalihom is-sospensjoni tkun ġiet irtirata b'mod temporanju għandhom jiġu protetti b'garanzija, u r-rilaxx tal-prodotti kkonċernati għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-Gżejjer Kanarji għandu jkun bil-kundizzjoni li dik il-garanzija tingħata.

2. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi, f'konformità mal-proċedura stabbilita fit-Trattat, fiż-żmien il-perijodu ta' 12-il xahar imsemmi fil-paragrafu 1, li s-sospensjoni għandha tiġi rtirata b'mod definittiv, l-ammonti tad-dazji protetti bil-garanziji għandhom jinġabru b'mod definittiv.

3. Fejn il-Kunsill ma jkunx adotta deċiżjoni li s-sospensjoni għandha tiġi rtirata b'mod definittiv fiż-żmien il-perijodu ta' 12-il xahar imsemmi fil-paragrafu 2, il-garanziji għandhom jiġu rilaxxati.

*Artikolu 5*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, stabbilit bl-Artikolu 285(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
G. DOVŽAN

*ANNESS I*

Oġġetti kapitali għal użu kummerċjali jew industrijali li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ([1]):

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4011 20 | 8418 61 00 | 8519 20 | 9006 30 00 |
| 4011 30 00 | 8418 69 00 | 8701 | 9006 53 |
| 4011 70 00 | 8418 91 00 | 8702 | 9006 59 |
| 4011 80 00 | 8418 99 | 8704 21 | 9007 10 00 |
| 4011 90 00 | 8427 | 8704 22 | 9007 20 00 |
| 5608 | 8431 20 00 | 8704 23 | 9008 50 00 |
| 6403 40 00 | 8441 40 00 | 8704 31 | 9010 10 00 |
| 6403 51 05 | 8450 11 90 | 8704 32 | 9011 20 90 |
| 6403 59 05 | 8450 12 00 | 8704 41 | 9030 33 20 |
| 6403 91 05 | 8450 19 00 | 8704 42 | 9106 |
| 6403 99 05 | 8450 20 00 | 8704 43 | 9107 00 00 |
| 8415 | 8450 90 00 | 8704 51 | 9207 |
| 8418 30 80 | 8472 30 00 | 8704 52 | 9506 91 90 |
| 8418 40 80 | 8479 90 | 8704 60 | 9507 10 00 |
| 8418 50 | 8501 | 8704 90 00 | 9507 20 90 |
| | | 8705 | 9507 30 00 |

([1]) Kif definit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1832 tat-12 ta' Ottubru 2021 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 385, 29.10.2021, p. 1).

*ANNESS II*

Materja prima, partijiet u komponenti użati għal finijiet agrikoli, għat-trasformazzjoni industrijali jew għall-manutenzjoni li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ([1]):

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3901 | 5208 | 5507 00 00 | 7601 |
| 3902 10 00 | 5209 | 5508 10 10 | 7607 20 |
| 3903 11 00 | 5210 | 5508 20 10 | 8529 90 |
| 3903 19 00 | 5212 | 5509 | 8706 00 |
| 3904 10 00 | 5401 10 12 | 5510 | 8707 |
| 3906 10 00 | 5401 10 14 | 5512 | 8708 |
| 4407 21 | 5401 20 10 | 5513 | 8714 |
| 4407 22 | 5402 | 5514 | 9002 90 00 |
| 4407 23 | 5403 | 5515 | 9006 91 00 |
| 4407 25 | 5404 11 00 | 5516 | 9007 91 00 |
| 4407 26 | 5404 90 | 5603 94 | 9007 92 00 |
| 4407 29 | 5407 | 5604 10 00 | 9008 90 00 |
| 4407 99 40 | 5408 | 6001 | 9010 90 80 |
| 4410 | 5501 | 6002 | 9104 00 00 |
| 4412 | 5502 | 6217 90 | 9108 |
| 5108 | 5503 | 6305 | 9109 |
| 5110 00 00 | 5504 | 6309 00 00 | 9110 |
| 5111 | 5505 | 6406 | 9111 |
| 5112 | 5506 | 7326 90 | 9112 |
| 5205 | | | 9114 |

([1]) Kif definit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1832 tat-12 ta' Ottubru 2021 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 385, 29.10.2021, p. 1).